**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 29 – IT-TNEJN 13 TA’ LULJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tmienja w għoxrin ( 28) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-8 ta’ Ġunju u t-13 ta’ Lulju 2009.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1455/09. Ittra li bagħtet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar xi osservazzjonijiet li għamlet dwar ir-Riformi tal-Kunsilli li għaddejin bħal issa.

2.3. Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għal korrispondenza Nru. 1550/09 dwar talba li għamel resident għal bankina fi Triq il-Wied quddiem ir-residenza ġdida tiegħu. Is-Sindku ikkonferma li din l-biċċa bankina żgħira sejra issir minnufih. Hu talab l-approvazzjoni ta' kulħadd fejn kulħadd qabel li ssir immedjatament.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1569/09 dwar patching li sar fid-daħla tas-Sala tal-Kunsill. Is-Sindku qal li għalkemm din id-daħla hija privata, u peress li s-Sala tintuża mill-Anzjani għal Berġa u nies oħra, kellu talba mingħand id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa biex jieħu ħsieb dawk il-ħofor li kien perikolużi għall-anzjani.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1580/09. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb talab lil kull Kunsill il-" *contact person*" tal-kultura biex jibni *'database*" biex iżomm kuntatt kull meta jkun hemm bżonn.

Doc. A u B annessi

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn t-9 ta' Ġunju u t-13 ta' Lulju 2009, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru.10/06-1 dwar żewġ siġar iffullati fi Trejqet il-Poeti. Il-Kunsill sejjer jinvestiga.

3.3 Rigward talba Nru. 10/06-2 dwar karozza li ila ipparkjata fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq Ħarruba; il-Kunsill diġa ħa passi mal-Pulizija biex jaraw ta' min hi.

3.4 Rigward talba Nru. 12/06-2 dwar klieb li ħerġin mill-għalqa ta' Triq Ġuże' Galea; għandna nformazzjoni li l-Pulizija diġa ħadu passi mas-sid biex iżomm dawn il-klieb ġewwa.

3.5 Rigward ilment 13/06-03 dwar talba minn resident biex jerġgħu jsiru d-double yellow lines fi Triq Pawlu Grech. Ir-responsabilta' tagħhom għaddiet f'idejn l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

3.6 Rigward talba Nru.16/06-1 talba biex issir it-triq ta' wara l-Bitmac bit-tarmac għaliex imħarbta kollha; il-Kunsill diġa jaf biha u din issir meta jippermettu l-fondi.

3.7 Rigward talba Nru. 17/06-03 dwar arblu tal-Enemalta fir-residenza ta' persuna minn Triq Patri A. Cuschieri li qed

jistrieħ ma' siġra ġol-ġnien tagħha. L-Enemalta ikkonfermaw li s-siġra tista' tinqala' għaliex m'hemmx periklu.

3.8 Rigward ilment Nru. 18/06-03 fuq ħafna ilma ħiereġ mill-Carwash ta' Triq San Mikiel, il-Kunsill Lokali sejjer jinvestiga.

3.9 Rigward talba Nru. 22/06-01 biex isiru "d-double yellow lines" fi Triq Karm Vassallo ma' Trejqet ir-Rumanzieri minħabba parking li qed isir bl-addoċċ il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.10 Rigward ilment Nru. 22/06-2 dwar ċnagen li tħallew ħdejn il-bini ġdid f'tarf Triq Karm Vassallo; il-Kunsill sejjer jkellem lis-sid tal-block biex inaddaf warajh.

3.11 Rigward talba Nru 23/06-1 biex jinżabru s-siġar li hemm fi Triq Anton Manuel Caruana; il-Kunsill diġa ħa passi u infurma lil tal-Agrikultura.

3.12 Rigward ilment 24/06-1 fuq ħofra li hemm quddiem dar nru 21 fi Triq Erin Seracino Inglott; il-Kunsill sejjer jagħmel ix-xogħol.

3.13 Rigward talba Nru 24/06-2 biex issir "motorcycle bay" fi Triq Giovanni Curmi; Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jara tistax issir.

3.14 Rigward ilment Nru. 30/06-2 dwar klieb li qed joħorġu mill-għalqa ta' Triq Ġuże' Galea; Il-Kunsill kien diġa kellem lis-Supretendent u dan ikkonfermalu li huma ħadu passi u s-sid qed iżomm il-klieb ġewwa.

3.15 Rigward ilment Nru 01/07-1 minn residenti li ta' l-iscammel qiegħed jagħmel munzelli bil-boroz quddiem id-djar; il-Kunsill diġa ħa passi u wissieh kemm il-darba.

3.16 Rigward ilment Nru. 02/07-1 dwar żewġ vetturi mgħottijin fi Triq il-Muzika li ilhom ippakjati hemm ħafna żmien; il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.17 Rigward ilment Nru. 02/07-2 dwar rampa kbira li hemm quddiem residenza fi Triq il-Muzika u li residenta ma tistax tgħaddi fuqha; il-Kunsill sejjer jinvestiga dan il-kaz.

3.18 Rigward ilment 03/07-2 dwar tower-crane li tpoġġa quddiem l-entratura tal-garaxx privat fi Triq Ħarruba; il-Kunsill kellem lill-kuntrattur u dan ressqu metru 'l fuq u ssolvit il-problema.

3.19 Rigward ilment Nru 08/07-2 minn residenta li qed taqla' ċitazzjonijiet meta' tipparkja quddiem Gormina Store. Biex il-Kunsill jagħmel il-parking-bays fejn m'hemmx. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi fejn hu possibbli.

3.20 Rigward ilment Nru 09/07-1 minn residenta fi Triq Ġużè' Galea li rrapurtat li persuna tgħaddi bil-klieb ħinijiet differenti u tħammeġ quddiem id-dar tagħha. Biex il-Kunsill jagħmel kampanja dwar il-ħmieġ tal-klieb u biex jibgħat Warden ħalli jinqabad fil-fatt; il-Kunsill sejjer jieħu passi u jibgħat il-Wardens on site.

3.21 Rigward ilment Nru. 10/07-2 fuq ħafna wirdien li ħerġin mit-tappiera tat-telefon ta' fuq il-bankina fi Triq Ċensu Bugeja; Il-Kunsill ħa passi u s-siġilla l-kaxex.

3.22 Rigward ilment Nru. 13/07-3 li qed jerġgħu jgħaddu ħafna vetturi goffi minn Triq il-Prinjol u r-Razzett l-Aħmar u jinjoraw it-tabelli. Biex il-Kunsill jibgħat il-Wardens. Infatti l-Kunsill diġa bagħat ordni biex terġa ssir sorveljanza f'dawn l-inhawi.

3.23 Rigward ilment 13/07- 4 minn residenta minn Triq Pawlu Grech li qed tirraporta li xi ħadt qed joħroġ kwantita ta' kaxxi u plastic wara li jgħaddi l-iscammel u jibqgħu hemm sa l-għada. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jibgħat il-Green Wardens biex jissorveljaw dan il-post.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sur Dalli irrefera għall-aħbar tal-mewt ta' missier Isabelle Formosa, il-contract worker tal-Kunsill. Hu kien qed jipproponi li nagħtu donazzjoni ta' €25.00 lid-Dar tal-Providenza peress lill-familja talbu biex ma jingħatawx fjuri. Il-Kunsill approva unanimament dan il-pagament..

4.3 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah l-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA'L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 06538/07 Casa Ramoann, Triq Geronimo Abos.Biex tinħatt id-dar u bini ta'garaxxijiet, storage, ħanut, appartamenti fl-ewwel u t-tieni sular, penthouse, lift u tabella. L-applikazzjoni kienet ġiet proposta biex tiġi annullata. (Id-deċizjoni oriġinali tibqa).

5.3 Dwar PA 05819/08. Xemxija Triq il-Ħarruba. Pjanti amendati għal semi-detached bungalow parti mill-applikazzjoni PA5768/07. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 02021/08 Sit off Triq Prinjol. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows u basements taħt u swimming-pools. Kien hemm rikmandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.5 Dwar PA 02085/08. Mr. Clean Carwash Centre.Triq San Mikiel. 'Change of use' minn uffiċċju għal ħanut klassi 6 (pastizzerija). L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.6 Dwar PA 06060/07. 39, La Pergola, Triq Gharghur, Iklin. Biex tinbena swimming-pool. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.7 Dwar PA 00216/09. Ix-Xemxija, 4, Triq il-Wied, c/w Triq Ħarruba. Bini ta' bungalow. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.8 Dwar PA 07148/07. Plot 4, Triq il-Wied. Bini ta' bungalow u swimming-pool. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.9 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 00835/09. Biex jiġi approvat garaxx kif inbena u 'change of use' parti minn garaxx għal prodotti tal- karozzi u tabella. Garage, 36, Triq Erin Seracino Inglott

PA 02350/09. Biex isiru alterazzjonijiet barra u ġewwa , biex jinbidel ħanut ġo ħwienet klassi 4, maġenb Russell Buildings Triq in-Naxxar.

PA 02090/09. Addizzjoni ta' washroom fit-tieni sular u alterazzjonijiet fuq il-faċċata. Grey Roof, Triq Geronimo Abos.

PA 02618/09. 'Change of use' minn 'living-room' għal garaxx ġo dar eżistenti. "La Mirage", 38, Triq Ġuże' Ellul Mercer.

5.10 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjonijiet fuq dawn l-applikazzjonijiet:
PA 00932/09. Dar Tana, Triq l-Iklin c/w Triq Geronimo Abos
PA 02018/09. Sit fi Triq Tal-Balal.
PA 05831/07. Id-Dwejra farmhouse, Triq ix-Xwieki, Tat-Tabib.
PA 00912/09. Garages A & B Triq iċ-Ċitru.

6. **Il-POŻIZZJONI TAL-KUNSILLIER JOSEPH CAMILLERI.**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għas-sitwazzjoni preżenti tal-Kunsillier Camilleri. Jidher li għamel ħafna progress fuq is-sitwazzjoni preżenti tiegħu, iżda għadu lura.

6.2 Is-Sindku kompla jgħid lis-Sur Camilleri mhux qed ifalli kappriċjożament, iżda minħabba s-sitwazzjoni ta' saħħtu.

6.3 Għaldaqstant hu kien tal-fehma li niktbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u ninfurmah bis-sitwazzjoni tas-Sur Camilleri. Il-Kunsill Lokali mhux qed jitlob li jittieħdu xi passi dwar is-Sur Camilleri.

6.4 Kulħadd qabel unanimament li nimxu fuq dan il-pass.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-PJAN TA' TLETT SNIN 2009-2011.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta dan id-dokument u beda biex qara l-introduzzjoni li kien lesta. Hu qal li dan huwa pjan li irid jimxi fuqu l-Kunsill għal dawn it-tlett snin li ġejjin.

7.2 Wara li qara wkoll ir-Rapport ta' Attivitajiet ġenerali li kien lesta s-Segretarju u ta' ħarsa fuq fuq ta' f'hiex jikkonsisti dan ir-Rapport, għadda biex qara l-aħħar paġna fejn hemm dettalji tal-Proġetti Kapitali.

7.3 Wara għadda r-Rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Dan ġie aċċettat u approvat unanimament.

## 8. NOMINAZZJONI TA' LIJA/IKLIN FOOTBALL YOUTH NURSERY.

8.1 Is-Sur Dalli qara l-ittra li kien irċieva l-Kunsill mingħand is-Segretarju tan-Nursery fejn taha dettalji għan-nominazzjoni tar-Rappreżentant tal-Kunsill.

8.2 In-Nursery kienu qed jipproponu lis-Sur Stephen Camilleri li huwa involut mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u iżjed maż-żgħażagħ. Għaldaqstant in-Nursery ikkonferma li din il-persuna tista' tagħti kontribut tajjeb u siewi.

8.3 Is-Sur Dalli ikkonferma mal-Kunsilliera li dan għandu l-kwalifiki neċċessarji biex jipprapreżenta lill-Kunsill u ġie aċċettat għan-nomina.

8.4 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali sejjer jikteb lin-Nursery u jikkonferma n-nominazzjoni tas-Sur Camilleri.

## 9. INFORMAZZJONI DWAR L-EMAIL ADDRESSES F'KULL RESIDENZA.

9.1 Is-Sindku Anthony Dalli kien qed jipproponi ideja ġdida fil-Kunsill tagħna. Hu s-suġġerixxa li nibagħtu “*flyer”* f’kull dar fl-Iklin nitolbu għal min jogħġbu jipprovdi, *l-email address* tiegħu biex noħolqu *“database*” ta’ indirizzi email tar-residenti.

9.2 L-iskop huwa biex meta’ l-Kunsill joħroġ xi komunikazzjoni jew “*flyer*’ biex jinfurma lir-residenti b’xi attivita’, għal dawk li jaċċettaw, din tintbgħat bl-email. Naturalment dawn ir-residenti iridu jikkonfermaw bil-miktub li jaċċettaw li l-email huwa biss għal użu tal-Kunsill.

**10. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

10.1 Is-Sur Dalli għadda informazzjoni ta’ importanza kif ġej:

10.2 Beda biex semma il-Festa tas-Salvatur ta’ Ħal-Lija li taħbat l-4, l-5 u s-6 ta’ Awissu. Hu qal li bħalissa qed nilqgħu applikazzjonijiet għal permessi tal-gabbani bħal ma nagħmlu kull sena.
Sejrin ninfurma lil-Pulizija u l-Authorized Officer biex jipprovdu uffiċċjali biex jieħdu ħsieb it-traffiku u l-‘*Bon Ordni’* fi Triq San Mikiel.
Triq Frederick Borg sejra tiġi ssorveljata mill-Pulizija.

10.3 Qal ukoll dwar tabella tat-traffiku li jixgħelu ‘bis-solar light’ u jixtieq li nagħmlu minnhom fl-Iklin ukoll. Issuġġerixxa li nibdew billi nagħmlu tabella li turi “liwja” fi’ Triq il-Wied fl-ewwwl parti int u nieżel. Din taħdem bis-solar energy u titfi u tixgħel waħidha . Dawn jinxtraw mingħand il-Kuntrattur tagħna l-Koperattiva Tabelli u Sinjali. Kulħadd qabel li nagħmlu waħda f’dan il-post bħala prova.

10.4 Irrefera għal Kuntratt ta’ Tender għas-Servizzi Klerikali fejn qal li skond ir-riforma dawn it-tip ta’ kuntratti iridu jieqfu immedjatament. Għaldaqstant għandna niktbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn nitolbu l-permess biex nimpjegaw l-“Contract- Worker” fuq bażi part-time ta’ 20 siegħa fil-ġimgħa fejn din il-persuna jkollha l-benefiċċji kollha imma ‘pro-rata’.
Dan qed nitolbuh peress li l-Assistent Uffiċċjal Prinċipali bħal issa qed taħdem fuq ‘reduced hours’ ta’ 30 siegħa fil-ġimgħa skond il-Collective Agreement.

10.5 Is-Sur Dalli issuġerixxa biex il-kunsill jordna bowser ilma biex jintefa’ fi Triq Karm Vassallo biex naraw li r-resurfacing ta’ parti ta’ din it-triq li sar mil-ADT solvew il-problema li kien hemm fejn iżomm l-ilma tax-xita.
Kulħadd qabel ma’ din il-proposta.

10.6 Is-Sindku ħabbar li wara li rċevejna l-istima mingħand il-Contract Manager tal-Kunsill dwar resurfacing ta’ parti ta’

żewġ toroq, stajna nibdew nagħmlu l-ewwel waħda, dik ta' Triq San Mikiel, man-naħa tal-bankina l-ġdida. Din sejra tiswa €9900.
Barra minhekk ħabbar li sejrin nagħmlu wkoll l-bankina ta' quddiem residenza ġdida ta' Triq il-Wied.
Dawn ix-xogħlijiet ġew approvati unanimament.

10.7 Is-Sur Dalli ħabbar li issa ġie ippublikat l-Att Legali 200 tat-2009 dwar l-Kontroll tal-Parkeġġ Residenzjali. Issa l-Iskema fl-Iklin hija ikkonfermata legali wkoll skond l-Att biex jekk jkun xi mistoqsijiet mir-residenti ngħarfu nimxu.

10.8 Ħabbar li l-Kunsill Lokali irċieva ittra mingħand iċ-Chairman, Fundraising Commission tal-Paroċċa Familja Mqaddsa fuq l-attivita' FestaSajf bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill Lokali, li sejra tiġi organizzata fil-beraħ nhar il-Ġimgħa 24 ta' Lulju. Il-Kumitat stieden lill-Kunsill biex jagħti l-għajnuna tiegħu bħal ma jagħmel kull sena.
Peress li din l-attivta' issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, għaldaqstant is-Sur Dalli qal li sejrin nimxu hekk:
Il-Kunsill sejjer jieħu ħsieb l-imwejjed, siġġijiet, mobile toilets, pulizija u l-folkgroup.
Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

10.9 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa tagħna fejn ħabbar li sejra issir Fiera ta' Solidarjeta' il-Ħadd 18 ta' Ottubru 2009. Din issir waqt "il-Ġimgħa ta' Solidarjeta" li ssir kull sena b'ħafna attivitajiet.
Għaldaqstant il-Kunsill Lokali qed jiġi mistieden biex jagħmel "stand ta' informazzjoni" . Il-Kunsill aċċetta din l-istedina u s-Sindku qed jirrakomanda li barra l-informazzjoni ġenerali tal-Kunsill nagħmlu ħafna ritratti tax-xogħlijiet li saru dawn l-aħħar snin.
Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

## 11 AĠĠORNAMENT.

11.1 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo irreferit għas-Seminar li kellhom ir-rappreżentanti tal-Kunsilli dwar Il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija li sar fil-Hotel Excelsior nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju .

11.2 Dan kien seminar verament interessanti fejn ħeííew lil dawk il-kunsilli li għandhom xi siti storiċi biex jagħmel pubbliċita' fuqhom ħalli jgawdihom kulħadd.

11.3 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-7.15 pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar t-Tnejn 27 ta' Lulju 2009 fis-5.30 pm.

Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-Tnejn 27 ta' Lulju 2009 fil-5.30 pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Ezekuttiv.